**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 423/2018 AGV**

**ABC (ID Nru: 204184 M)**
**Vs**
**DC (ID nru: 185780 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB C datat 19 ta' Settembru 2018, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;

1. Illi l-konjugi zzewwgu nhar s-6 ta' Lulju 2002 u miz-zwieg taghhom huma kellhom tlett ulied, EC li twieled fil- 25 ta' Settembru 2001, FC li twieled fid- 29 ta' April 2004 u GC li twieldet fit- 13 ta' Mejju 2010, ilkoll maghrufa bhala tfal minuri;

2. Ili l-konjugi ssaperaw permezz ta’ kuntratt datat 6 ta Gunju  2018, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono kopja legali qed tigi hawn annessa;
3. Illi madankollu l-partijiet kienu ilhom separati de facto qabel ama kkonludew is-separazzjoni formali bejniethom minn Novembru 2013 u dana kif ser jirrzulta ukoll mil-istess kuntratt ta’ separazzjoni ( ara klawzola7) u b’hekk huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 66 B(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Illi sal-lum il-gurnata il-partijiet baqghu jghixu hajja totalment separata minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u sahnsitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohrajn / familji godda;
5. Illi permezz tar-raba’ artikolu tal-Kuntratt tas-separazzjoni personali, il-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament mid-dritt taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;
6. Illi permezz tas-sitt  artikolu tal-kuntratt tas-separazzjoni, il-partijiet kienu qablu illi l-kura u kustodja ,u  residenza tat-tfal E u F, tigi fdata lil mara u filwaqt li l-kustodja u ir-residenza principali ta’  GC tigi fdata f’ idejn u mar-Ragel;
7. Illi fir-rigwardatal-manteniment u kwalunkwe spejjez ohrajn, in konnessjoni mat-trobbija tal-istess tfal, il-partijiet ftehmu illi kull wiehed u wahda minnhom tiehu hsieb it-trobbija tal-ulied li ser jabitaw mieghu jew maghha minghajr dritt ta’ rimbors minghand in-naha l-ohra;
8. Ili r-rikorrenti tiddikjara li hija miexja mal-obbligi taghha tal-kuntratt tas-separazzjoni u li ma hemm l-ebda manteniment dovut b’ lura;
9. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudifsfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju;

10. Illi in vista tas-suepost ai finijet tal-artikolu 66 B tal-kodici Civili jirrizulta;
    a. Ili l-partijiet ilhom separti, de facto aktar minn erba' snin;
    b. Illi ma jesizti l-ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
    c. Illi ma hemmx problema fuq il-hlas ta' manteniment, skont kif mifthiem fi kawsola 6 tal-kunrtatt ta' separazzjoni.

Illi mil-fuq premess iseggwi dan il-kaz, huma sodisfatti il-kriteji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi ppronunzjat l-hall taz-zwieg, ossija divorzju ta' bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti, joghgobha;

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet Schembri, a tenur tal-artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-registraur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ta' DC** datata 31 ta' Jannar 2019, fejn espona bir-rispett;

1. Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt tan-nutar Dr. Jean Carl Debono, tas- 6 ta' Gunju 2018 u lanqas ma huwa kontestat li miz-zwieg tal-partijiet twieldu tlett ulied, li ghadhom ilkoll minuri;
2. Illi lanqas ma huwa kontestat illi l-partijiet ilhom jghixu hajja totalment separate minn ma' xulxin sa minn Novembru 2013;
3. Illi madankollu jinghad ghal kutnrarju ta' dak li jtenn ir-rikors promutur, hemm kwistjonijiet ta' manteniment u spejjez tal-ulied pendenti u dana stante li ghalkemm il-partijiet ftehmu li kulhadd ser jmantni u jiehu hsieb

jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-ulied, li jabitaw miehgu jew maghha, ir-rikorrenti qed tonqos li taghmel dan;

4. Illi effetivament ir-rikorrenti abdikat, r-responsabilita' taz-zewg ulied E u F tant li llum qed jabitaw ma' xi familjari taghha, minghajr ma hi qed tikkontribwixxi assolutament xejn ghalihom u addirittura qed tizbanka children's allowance intizi ghalihom u qed tuzahom ghaliha innifisha;
5. Illi per konsegwenza, huwa l-esponenti li qed jaghmel tajjeb ghal ghixien ta' daz-zweg ulied u ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni taghom u dan minkejja li l-kuntratt jghid kjarament li kellha tkun l-esponent li tiehu hsieb li tmantni u thallas ghall-ispejjez taghhom, fil-waqt li l-esponenti kien u ghadu qed jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' bintu G;
6. Illi ghalhekk l-esponenti ghandu jirkupra minghand ir-rikrroenti ammont sostanzjali ta' flus li huwa hareg ghaz-zewg uliedu subien, liema spejjez skont il-kuntratt suppost saru mir-rikorrenti ;
7. Illi ghalhekk ir-rekwiziti ghall-ottjeniment tad-divorzju ma humiex sodisfatt skont il-ligi u l-esponenti qed jopponi ghat-talbiet attrici ;

Tant ghandu x' jissometti l-esponenti f' dal-istadju a savju ta' dina l-Onorabbli Qorti, fil-waqt li jopponi ghat-talbiet attrici.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat li r-rikorrenti talbet biex tirriverti ghal kunjom xbubitha mal-ghoti tad-divorzju.

**IKKUNSIDRAT**

Illi mill-provi prodotti, jirrisulta li l-partijiet ilhom mifrudin minn xulxin ghal aktar minn erba' snin, u li ma jidherx li hemm prospett ragonevoli li huma jirrikonciljaw bejniethom. L-intimat qed joggezzjona ghall-ghoti tad-divorzju ghax jghid li r-rikorrenti naqset milli tmantni t-tfal skond il-kuntratt ta' bejniethom, u ghalhekk ma jistax jinghata d-divorzju. Peress illi hu qed joggezzjona, jispetta ghalih li jressaq provi li ghad hemm pendenzi ta' manteniment dovuti lilu. Il-Qorti tat opportunita' lill-intimat iressaq dawn il-provi, izda dan ma sarx. Min-naha taghha, ir-rikorrenti ressqet bizzejjed provi biex it-talbiet taghha kollha jintlaqghu.

**DECIDE**

Ghal dfawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.
Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur sabiex, fi zmien ghaxart ijiem, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet.
Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' H.

Spejjez a kariku tal-intimat.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**